**Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili**
**(Sede Kostituzzjonali)**
**Onor. Miriam Hayman LL.D.**
**Imhallef**

**Fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali Numru 325/21MH**
**Fl-ismijiet:**

**Yorgen Fenech**

**Vs**

**L-Avukat Tal-Istat u L-Avukat Generali.**

**Digriet fl-atti tar-rikors ta' Peter Caruana Galizia et. datat 17 ta' Mejju, 2021**

**Illum 2 ta' Gunju, 2021**.

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-familja Caruana Galizia[1] fejn sintetikament talbu li jintervjenu *in statu et terminis* fir-rikors ta' indolu kostituzzjonali/konvenzjonali fuq premess u dan għar-ragunijiet li bħala l-familja direttament milquta bil-qtil tal-ġurnalista Caruana Galizia kellhom interess dirett li jaraw li l-investigazzjonijiet fil-konfront ta' Yorgen Fenech, akkuzat b'kompliċita' f'dan il-qtil, iseħħu b'mod effettiv. Issaħħu t-talba tagħhom billi jistrieħu fuq l-Artikolu 2 tal-Konvenzjoni

[1] Folio 15

Ewropeja għad Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem,  jsostnu illi r-rikors promotur ta' Fenech jolqot preċizament l-obbligu ta' l-Istat li jmexxi investigazzjonijiet u proċeduri effettivi li jwasslu biex isir d-debita ġustizzja għal qtil ta' mart u omm r-rikorrenti rispettivament.

Da parti tar-rikorrenti Yorgen Fenech jopponi għal din it-talba[2] fuq il-premessa prinċipali illi  t-talba ta' indolu kostituzzjonali/konvenzjonali mressqa għall-eżami ta' din il-Qorti hija  waħda personali għalih u  diretta biss kontra l-Istat li għandu jirrispondi unikament  għal dan l-allegat ksur,  ċioe' ż-żamma tiegħu fit-tul taħt arrest preventiv matul il-kumpilazzjoni għar-reat imsemmi.

Prinċipalment jikkontesta l-interess tar-rikorrenti Caruana Galizia f'din il-kawza a differenza minn dak li huma għandhom fil-kumpilazzjoni  fejn huma jidhru bħala *parte ċivile*,[3] n kwantu l-eżitu ta' din jolqot il-liberta' provisorja tiegħu b'dan li skontu  hu biss jista' jkun affettwat bid-deċiżjoni ta' din il-Qorti fir-rigward.

Rat li l-intimati  fir-rikors kostituzzjonali promotur,  ċioe l-Avukat Generali u l-Avukat ta' l-Istat,  f'dan ir-rikors in eżami rrimettew irwieħom għal ġudizzju ta' din il-Qorti.[4]

Semgħet id-debita trattazzjonijiet

[2] Folio 107 risposta
[3] Artikolu  410 tal-Kap 9
[4] Seduta 18/5/2021 folio 32

Ikkonsidrat.

Illi bla dubbju din il-vertenza issib is-soluzzjoni tagħha u hija ppernjata fuq l-interess ġuridiku li kull minn jkun jew jitlob li jkun parteċipanti f'kawza miġjuba quddiem il-Qorti għandu juri li hu vestit fih. Dan l-interess hu arginat b'dik l-azzjoni prinċipali li b'xi mod it-terż qed jipprova jimpingi fuqha.

Żewġ istanżi huma maħsuba fil-liġi nostrali fejn jista jkun hemm indħil minn terż mhux ġia parti mill-kawża bħala attur jew il-konvenut primarjament mixli; dawk tal-kjamat in kawza u dak li proponew il-familja Caruana Galizia l-intervenut fil-kawza *in statu et terminis*. .

Indubbjament mill-qari tar-rikors promotur ir-rikorrenti Yorgen Fenech javanza għal eżami ta' din il-Qorti fil-ġurisdizzjoni Kostituzzjonali/Konvenzjonali tagħha l-lanjanza illi bid-digrieti tal-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti Istruttorja u dawk tal-Qorti Kriminali, fejn għal diversi drabi ġew miċħuda il-varji talbiet għal għoti tal-ħelsien mill-arrest tiegħu, skontu taħt pretesti mhux ġustifikati jew msejjsa fuq nuqqas ta' provi, oltre li għaddew aktar minn hames mitt (500) jum minn meta ġie inkarċerat nonostante li hu preżunt innoċenti, qed iseħħ ksur tad-dritt fondamentali tiegħu sanċit taħt l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet Fonadamentali tal-Bniedem.

*Inter alia* jikritika anke l-Qorti meta skontu mingħajr provi straħet fuq dikjarazzjoni lli ma kienx jinħtieg provi għal ċaħda taħt l-artikolu 575(1) tal-Kap 9 ukoll illi fid-digrieti taċ-ċaħda jisemma li hemm investigazzjonijiet pendenti li jistgħu jiġu preġudikati bir-rilaxxx tiegħu u dan meta ma nġabet ebda prova ta' dawn l-istess investigazzjonijiet jew l-istadju li qegħdin fihom.

Jilmenta ukoll li nonostante dawn ir-ragunijiet ta' investigazzjoni attiva, il-Kummissarju tal-Pulizija iddikjara fuq il-media illi kull persuna involuta f'dan l-ommiċidju kien ġie mressaq.

Jressaq ukoll ilmenti fir-rigward ta' l-imsemmija digrieti n kwantu bbażati fuq biża ta' ħarba tiegħu ukoll fejn l-għoti tal-ħelsien mill-arrest tiegħu jista' jqanqal disturb pubbliku.

Ir-rikorrenti jitlob għalhekk ir-rimedju mingħand din il-Qorti ta' dikjarazzjoni tal-ksur ta' l-artikolu 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja u 34 tal-Kostituzzjoni nostrali fil-konfront tiegħu u li tagħtih r-rimedju billi tordna r-rilaxx immedjat tiegħu.

Magħmula din is-sintasi tar-rikors prinċipali jkun opportun illi mill-lenti tal-kasiżtika nostrali jiġi eżaminta l-istitut ta' l-intervenut *in statu et terminis.*

Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell Ċivili fl-ismijiet **Gladys mart l-Imhallef Dottor Edoardo Magri et vs Market Intelligence Services Company Limited et.**[5] sar dan l-istudju fir-rigward:-

***<u>"2. In-natura ta' l-intervenut fil-kawza:</u>***

*Fis-sentenza ta' l-10 ta' Novembru 1888 tal-Corte Civile Di Sua Maesta, Prim'Aula (Giudice di Sua Maesta` Luigi Ganado LL.D.), fl-ismijiet* ***Negte. Luigi Paolo Vella Hass versus Vincenzo Camenzuli ed altri****, intqal:*

*"Le persone interessate in un giudizio, sia che il loro interesse le spinga a sostenere Ia domanda, sia che convenga loro di opporla, sono ammesse a prendere parte in tale giudizio, ma il loro intervento non ha l'effetto di essere,*

[5] 619/1997/1 deċiża

*considerato ne` come attori né come convenuti, a differenza del chiamato in causa, il quale, per disposizione di legge, deve essere considerato come qualunque altro convenuto;*

*"Che dagli articoli 977, 978 e 979 delle Leggi di Procedura combinati insieme, si desume che l'ammesso nello stato e nei termini di una causa, il quale spontaneamente si presenta a prenderne parte, senza potere sospendere le procedure, non ha il diritto di reclamare, ne e` tenuto a soffrire alcuna parte delle spese del giudizio, sia che egli abbia sostenuto chi dei contendenti, attori o convenuti, ha vinto, sia che abbia sostenuto queIlo che ha perduto. Perocchè in quelle disposizioni, dopocchè vi fu stabilito che l'interessato in una lite, dietro suo ricorso, potesse essere ammesso nello stato e nei termini, senza indicarne alcun altro diritto nè alcun obbligo, si e` passato a parlare del chiamato in causa, ritenendolo come convenuto, e come se la causa fosse stata sin dal principio proposta contro di lui, con potere fare scritture, dare qualunque eccezione, ed avere qualunque vantaggio che Ia legge accorda ad un convenuto, e, per conseguenza, con poter essere, secondo le circostanze, liberato o condannato. Or se all'ammesso nello stato e nei termini si fosser voluti dare quei vantaggi od imporre quegli oblighi, in tutto od in parte, quelle disposizioni di legge sarebbero concepite in modo da risultarne quel concetto."*

*Ukoll, fil-kawza deciza mill-AuIa Civile fit-8 ta' Mejju 1905 fl-ismijiet* ***Nob. lgnazio Testaferrata Bonici versus Nob: Filippo Testaferrata Bonnici noe et****, intqal:*

*"Considerando che gli eccipienti fondano Ia Ioro eccezione sull'articolo 979 delle Leggi di Procedura ove e` disposto che, "il "terzo chiamato in causa potra` valersi del dritto di fare qualunque "scrittura, dare qualunque eccezione ed avere qualunque vantaggio "che Ia legge accorda ad un convenuto, e potrà, secondo*

*le "circostanze essere condannato o Iiberato come se fosse stato sin "da principio contro di Iui proposta Ia causa"***;** *mentre tale disposizione non occorre nell' articolo precedente 977, ove si contempla il caso dell' ammesso in causa;*

*Che, pero`, il suddetto articolo 977 si limita a dire che I' interventore riprende Ia causa "nello stato e nei termini in cui Ia stessa "si trovi", e che Ia sua ammissione "non sospende Ia procedura della causa". II che` non significa che` in tutti gli atti che restano a compiere per I' istruzione della causa dopo Ia sua ammissione egli non possa valersi di tutti i mezzi che la legge gli accorda per far valere le proprie ragioni. Senza di cio` l'intervento fallirebbe ai principali suoi scopi; di tutelare, cioe`, gli interessi dell'interventore di fronte ad una o ad amendue le parti contendenti e di non moltiplicare le liti.*

*Che se per l'articolo 262 di quelle leggi chiunque creda di avere interesse puo` interporre appello da una sentenza allo scopo di dimostrarne la ingiustizia coi mezzi tutti che` la legge accorda a qualunque appellante, a piu` forte ragione si deve ritenere che colui il quale, dimostrato il suo interesse, viene ammesso in una causa fra altri pendente, puo` valersi di tali mezzi per far valere le proprie ragioni;"*

*Fis-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Imhallef Joseph Flores fit-28 ta' Qttubru 1960 fl-ismijiet* **Ivo Borg vs Carmelo Muscat** *intqal:*

*'l-frazi "a party to the suit" ma kienetx tirrikorri fit-test originali tal-ligi bit-Taljan li kien jinqara "Chiunque dimostri ... di avere interesse in una causa gia` tra altri pendente puo` essere ammesso allo stato e nei termini in cui essa si trova..."*

*Skond il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati, l-intervenjent "in statu et terminis" mhuwiex proprjament parti fil-kawza fis sinifikat specifiku li l-espressjoni "parti" tircievi fil-konfronti tad-dispozizzjonijiet tal-Procedura Civili (art.959, 960. 961) li jirregolaw l-istitut ta' l-intervent f'kawza.."*

*L-Onorevoli Qorti ta' l-Appell fil-kawza fl-ismijiet* ***Ellul Sullivan nomine vs Abela nomine*** *(1971) qalet:*
*"l-intervenjent ma hux parti jew kontendent, cioe` huwa ma jsirx la attur u l-anqas konvenut. Ghalkemm il-Qorti ghandha tikkonsidra is-sottomissjonijiet tieghu u ghalhekk tiddeciedi l-punti li huwa jissolleva huwa ma jsirx legittimu kontradittur – u dan a differenza tal-kjamat li huwa b'ligi espressa kunsidrat konvenut fil-kawza."*

*L-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Kummercjali) fis-sentenza taghha fl-ismijiet* ***Joseph Galea vs Alfred Cardona****, eciza fit-28 ta' Lulju 1987, irriteniet illi:-*
*"l-intervenut fil-kawza, jekk it-talba tieghu tigi milqugha mill-Qorti, jigi mdahhal fil-kawza proprju fl-istadju u fittermini li l-istess kawza kienet waslet. B'ebda mod pero`, dan l-intervenut fil-kawza ma jista' jwaqqaf il-procedura taghha";*

*Ghalhekk min jintervjeni fil-kawza "in statu et terminis" mhux parti fil-kawza u ma jistax jigi ikkundannat jew illiberat; imma jista' jipprezenta skritturi fil-kawza u jiehu parti attiva fid-diskussjoni.*

*Fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) tas-7 ta' Novembru 1988 fl-ismijiet* ***Anthony Psaila vs Arthur Biggerstaff*** *jinghad:*
*'l-intervenut fil-kawza in statu et terminis... mhux imdahhal fil-gudizzju pendenti bejn il-kontendenti Ia bhala attur u anqas bhala konvenut fis-sens li la jista' 'jigi kkundannat u anqas illiberat u dan a differenza tal-kjamat fil-kawza… sentenza*

*ma tista' qatt tigi esegwita mill-intervenut fil-kawza u vice versa fl-ebda kaz ma tista' sentenza tigi esegwita kontra tieghu.'*

*Il-Qorti ta' l-Appell (Superjuri) fis-sentenza taghha tal-31 ta' Jannar 1996 fl-ismijiet* **Joseph Buhagiar pro et noe vs Carmel sive Charles Psaila** *qalet:*

*'illi intervenut fil-kawza in statu et terminis ..., kif dejjem gie ukoll ritenut fis-sistema procedurali Malti, mhux meqius proprjament bhala parti fil-kawza... Una volta l intervenut hu kkonsidrat li mhux parti fil-kawza, hu ma jistax bhala regola jigi liberat jew ikkundannat. Minn dan johrog li l-Qorti allura m'ghandha l-ebda obbligu tippronunzja ruhha fuq l-eccezzjonijiet minnu moghtija. Dan fis-sens li mhijiex tenuta li tiddecidihom fir-rigward tieghu anke jekk hi, fil-konsiderazzjonijiet taghha biex tasal ghall-gudizzju, tkun qieset - kif ghandha dritt - u anke sostniet id-deduzzjonijiet tieghu. Hi pacifika d-distinzjoni fir-rwol ta' l-intervenut fil-kawza. Distinzjoni nettament definita fil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (artikolu 960-962). Distinzjoni Ii ssib il-qofol taghha fil-fatt Ii l-kjamat fil-kawza a differenza ta' I-intervenut hu kkunsidrat <u>bhala konvenut</u> u jista' 'jigi lliberat jew ikkundannat. Il-Qorti ghandha allura fil-kaz tal-kjamat filkawza l-obbligu li tiddeciedi u tikkonsidra l-eccezzjoni minnu moghtija.'*

*Fis-sentenza tat-18 ta' Marzu 2004, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. Lino Farrugia Sacco, fil-kawza fl-ismijiet* **Gatt vs Montanaro** *qalet:*

*"Illi huwa risaput u jikkostitwixxi dottrina stabbilita li l intervenut fil-kawza jrid jaccetta l-kawza in statu et terminis, u ghalhekk ghandu jaccettaha fit-termini u*

*flistadju li huwa jsibha fil-mument ta' l-intervent tieghu u ma jistax jerga' jiftah mill-gdid il-gbir tal-provi."*

*Fis-sentenza ta' l-10 ta' Jannar 2005 fl-ismijiet* **Mario Galea Testaferrata et vs Prim Ministru et**, *il-Qorti Kostituzzjonali qalet:*

*"8. Issa, fil-ligi taghna l-istitut ta' l-intervent fil-kawza hu regolat bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili. L-interess mehtieg sabiex wiehed jintervjeni skond l-imsemmija disposizzjoni irid ikun interess guridiku, u cioe` interess sostanzjali u dirett filkawza u mhux semplicement interess fl-ezitu ta' dik ilkawza bil-hsieb li dak l-ezitu jista' talvolta jkollu implikazzjonijiet, pozittivi jew negattivi, f'kawza jew kawzi ohra futuri (ara, passim,* **Fogg Insurance Agencies Limited noe v. Simon Tabone** *Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) 28/4/2004;* **Angelo Abela v. Joseph Zahra u Napuljun Carabott** *Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) 29/10/02). Fi kliem iehor, l-intervenut fil-kawza jitlob li jintervjeni, u ghandu jigi ammess li hekk jintervjeni, biex jipprotegi l-interessi tieghu f'dik il-kawza partikolari u mhux f'kawza jew kawzi ohra li talvolta jistghu jigu intavolati. Fil kaz in dizamina hu evidenti li l-interess li qed jippretendu Grima u Bajada ma hux interess dirett fil-kawza bejn Mario Galea Testaferra et min-naha u l-Gvern u l-konjugi Theuma u Grech min-naha l-ohra, izda semplicement interess fl-ezitu in kwantu huma jibzghu li, galadarba jkun hemm ezitu ta' certu tip, dan l-ezitu jista' jkollu riperkussjonijiet fuq drittijiet li huma jivvantaw in konnessjoni ma' proprjeta` li ma ghandha t'taqsam xejn ma dik li hija l-bazi tal-kawza de quo. Tali interess evidentement ma jistax jiggustifika intervent fis-sens talArtikolu 960 tal-Kap. 12, ghax altrimenti f'kull kawza li fiha jkollu jigi determinat xi punt legali ta' applikazzjoni piu` o meno generali jkun ifisser li kull min ghandu jew jista' talvolta jkollu kawza li tinvolvi b'xi mod dak il-punt ikun jista' jintervjeni in statu et terminis – din il-Qorti ma*

*tahsibx li ghandha ghalfejn telabora fuq il-konfuzjoni li tinholoq filkawza li kieku dan kellu jkun hekk."*

Eżami ieħor iddetaljat fir-rigward insibuh fid-deċiżjoni ukoll tal-Qorti ta' l-Appell Ċivili fl-ismijiet **Paul Fiorentino et. vs David Jones noe et**.[6] :-

*"tirreferi għal pronunzjament fil-kawża* **Alex Azzopardi vs Anna Ellul et** *(PA 29/10/2010) fejn għamlet riassunt ta' dawn il-prinċipji li jirregolaw il-materja u qalet hekk:*

*'Għalhekk, in suċċint, il-pożizzjoni ta' l-intervenut fil-kawża a distinzjoni tal-kjamat in kawża, la huwa attur u anqas konvenut. Hu la jista' jitlob għall-ħlas ta' l-ispejjeż tiegħu u anqas jista' jiġi ikkundannat għall-ispejjeż. L-intervenut ma jistax jiġi ikkundannat jew illiberat, fis-sens li sentenza ma tista' qatt tiġi esegwita mill-intervenut filkawża u viċe versa u normalment ma tistax sentenza tiġi esegwita kontra tiegħu. L-intervenut hu ikkonsidrat li mhux parti fil-kawża. Lintervenut fil-kawża għandu jkollu interess ġuridiku u mhux sempliċiment interess fl-eżitu. Hu jista' jitlob li jintervjeni, u għandu jiġi ammess li hekk jintervjeni, biex jipproteġi linteressi tiegħu f'dik il-kawża partikolari u mhux f'kawża jew kawżi oħra li talvolta jistgħu jiġu intavolati. Hu m'għandux id-dritt li jippreżenta eċċezzjonijiet ġja deċiżi. Filwaqt li fl-artikolu 962 tal-Kap. 12 dwar il-kjamat in kawża jingħad li din għandha tiġi notifikata bir-rikors u titqies bħala kull konvenut ieħor u li bħala tali għandha jedd tippreżenta kull*

---

[6] Deċiża 5 ta' Ottubru, 2018 1itaż nru 1251/94MCH

*skrittura, li tagħti kull eċċezzjoni, u li tinqeda b'kull benefiċċju ieħor li l-liġi tagħti lill-konvenut u tista' tiġi meħlusa jew ikkundannata daqs li kieku mill-ewwel il-kawża kienet proposta kontra tagħha, dan il-kliem ma jinstabx fl-artikolu 960 li jitkellem dwar lintervenut fil-kawża. L-intervenut ma jsirx leġittimu kontradittur – u dan a differenza talkjamat li huwa b'liġi espressa kunsidrat konvenut fil-kawża. Il-Qorti għandha l-obbligu li tikkonsidra s-sottomissjonijiet ta' l-intervenut filkawża u għalhekk tiddeċiedi l-punti li huwa jissolleva. L-intervenut jista' jippreżenta skritturi fil-kawża u jieħu parti attiva fid-diskussjoni.'*

"*Fid-dawl ta' dawn il-prinċipji l-Qorti tqis illi għandha tintrabat magħhom biex tirregola dak li jista' u ma jistax jagħmel l intervenut.*

"*Bla dubju l-intervenuti għandhom interess ġuridiku dirett u soġġettiv f'dawn il-proċeduri billi d-deċiżjoni ser taffettwa lproprjeta' li tagħha huma proprjetarji. Kif intqal fis-sentenza* ***Testaferrata Bonici et vs Micallef et****, (App Inf 10/01/2007):*

*'Konformament mas-sistema proċedurali tagħna skond l-Artikolu 960 tal-Kapitolu 12 jidher illi kondizzjoni neċessarja biex terz jiddaħħal fil-każ hi dik li dan hu titolari ta' dritt soġġettiv li huwa jrid isostni jew jiddefendi. Minn din il-kondizzjoni jikkonsegwi illi jekk jinstab li d-domanda tiegħu biex jintervjeni għandha konnessjoni jew kollegament ma' dik tal-partijiet l-oħra fuq l istess oġġett sostanzjali tal-kawża, dan jiġġustifika dak li mill-prattiċi huwa denot bħala "simultaneus processus"';*

"*Bħala terz interessat ammess fil-proċeduri hu jista' anke "sostenendo la ragione sia dell' attore, sia del convenuto, ed altre volte pure i propri diritti in confronto sia dell' uno che dell' altro, provocare una decisione entro i limiti dell'*

*azione intentata" (***Kollez. Vol. XVI P I p 117***). Huwa veru illi skond il-vot tal-liġi (Artikolu 960) l-intervenut fil-kawża ma jissospendix il proċediment. B'danakollu, kif issokta jiġi enunċjat, "dan ma jfisserx illi fl-attijiet ulterjuri li jkunu għadhom iridu jsiru għall-istruzzjoni tal-kawża, l-intervenut ma jistax japprofitta ruħu mill mezzi kollha li tagħtih il-liġi biex iġib 'il quddiem ir-raġunijiet tiegħu" (***Kollez. Vol. XXXII P I p 477***). Minn dan jitnissel illi ladarba akkolta t-talba tiegħu biex jiddaħħal fil-kawża, huwa kellu d-dritt li jipparteċipa fl-inċidenti kollha tagħha u li, sa dak il-mument, kienu għadhom mhux deċiżi. Dan hu seta' jagħmlu anke billi jressaq l-eċċezzjonijiet proprji u jqajjem diskussjoni dwarhom. Ara "***Joseph Galea -vs- Alfred Cardona***", Appell Kummerċjali, 28 ta' Lulju 1987 u l-każistika f' din kompendjata;*

Mill-ottika ta' intervenut fil-kawza f'kawza ta' indolu Kostituzzjonali/Konvenzjonali dan illum huwa kunċett ben aċċettat u żvillup fil-ġurisprudenża nostrali. Hekk insibu fil-provediment ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Victor Aquilina pro. et. noe et. vs l-Avukat Generali**[7]**- :**

*" Illi fis-sistema proċedurali Malti, il-liġi tagħraf bejn dak li hu imsejjaħ fil-kawża minn xi waħda mill-partijiet (intervent ko-att) u l-intervenut fil-kawża minn jeddu (intervent volontarju); filwaqt li tal-ewwel jitqies bħala parti fil-kawża għal kull fini u effett tal-liġi, tat-tieni, minkejja l-interess ġuridiku li jista' jkollu (u dan huwa sewwasew l-ingredjent waħdieni li jsejjes l-għażla tiegħu li jindaħal f'kawża li tkun miexja bejn terzi), ma jsir qatt parti, għalkemm is-sentenza li tingħata jkollha effett ta' ġudikat dwaru wkoll*[8]*;*

[7] Deċiża 15 ta' Ottubru, 2004 P.A. Ġurisdizzjoni Kost rikors nru. 15/2004/1JRM
[8] Ara App. Kumm. **17.11.1971** fil-kawża fl-ismijiet ***Lawrence Ellul Sullivan noe vs Victor Abela noe et***

*Illi din id-distinzjoni ilha żmien tiġi magħrufa mill-Qrati tagħna u jidher li din il-fehma baqgħet ma nbidlitx wisq maż-żmien*[9]*;*

*Illi, skond l-imsemmija sentenzi, dan il-prinċipju jibqa' japplika wkoll fejn l-intervenut ikun tħalla jressaq atti waqt is-smigħ tal-kawża*[10]*, jiġifieri wara li jkun għalaq l-istadju tal-proċedura bil-miktub;*

*Illi, minbarra dan, l-intervenut jidħol fil-kawża fil-qagħda jew l-istat li din tkun waslet fiha meta jindaħal u l-proċess ġudizzjarju ma jitreġġax 'lura minħabba d-dħul tiegħu fil-kawża. Minbarra dan, il-liġi nnifisha tipprovdi li persuna tista' tindaħal f'kawża li tkun għaddejja bejn partijiet oħrajn, imqar jekk tkun diġa' telgħet fl-istadju tal-appell*[11]*;*

*Illi, b'żieda ma' dan għandu jingħad ukoll li, bħal fil-każ tal-istitut tas-sejħa fil-kawża (li jaqa' taħt l-istess Titolu tal-Kodiċi tal-Proċedura), l-istitut tal-intervent fil-kawża huwa maħsub biex, kemm jista' jkun, ikun hemm ġbir f'kawża waħda ta' l-interessati kollha possibbli bil-ħsieb li ma jfaqqsux iżjed kawżi dwar l-istess kwestjoni;*

*Illi ngħad ukoll li l-interess li huwa meħtieġ biex l-intervenut jitħalla jidħol f'kawża m'huwiex l-istess bħal dak tal-imħarrek. Kemm hu hekk, minbarra li l-intervenut, kif ingħad, la jitqies li huwa parti fil-kawża bħalma wieħed iqis lill-attur jew lill-imħarrek, huwa għal kollox possibbli li min jindaħal jagħmel dan mhux biss fuq in-naħa tal-imħarrek imma wkoll fuq innaħa ta' min fetaħ il-kawża.*

---

[9] Ara P.A. **30.11.1922** fil-kawża fl-ismijiet ***Paċe Axiaq vs Lapira*** (Kollez Vol: **XXV.ii.208**); P.A. **20.6.1936** fil-kawża fl-ismijiet ***Cortis et vs Staines*** (Kollez. Vol: **XXIX.ii.116**); u App. Ċiv. **19.4.1943** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud et vs Morana et*** (Kollez. Vol: **XXXI.i.321**)

[10] Ara App. Ċiv. **8.5.1905** fil-kawża fl-ismijiet ***Testaferrata Bonici vs Testaferrata Bonnici noe et*** (Kollez. Vol: **XIX.i.90**)

[11] Ara App. Ċiv. **20.12.1946** fil-kawża fl-ismijiet ***Farru[ia vs Stivala*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.477**)

*Din hija ħaġa li, fis-sejħa fil-kawża, ma ssirx għaliex min jissejjaħ fil-kawża b'mod ko-att (ukoll f'dawk iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali fejn dan isir fuq talba tal-attur) isir jixbah 'il-imħarrek;*

*Illi, għalhekk huwa prinċipju aċċettat li min jindaħal fil-kawża minn rajh, u mogħni bl-interess meħtieġ, ma jagħmilx dan bilfors fl-*interess tal imħarrek, ***imma fl-interess tiegħu, li jista' jkun jikkontrasta 'l dak tal-imħarrek[12]; (emfasi ta' din il-Qorti)***

***Illi, fil-każ preżenti, l-ewwel oġġezzjoni li r-rikorrenti ressqu (u seħqu fuqha aktar minn darba) kontra t-talba għall-intervent hija li l-proċedura kostituzzjonali hija immirata li tindirizza lment ta' ksur ta' jedd fondamentali u li dan l-ilment ikun indirizzat lill-Istat u mhux lil individwu. Huma jżidu jgħidu li l-azzjoni tagħhom m'hijex azzjoni popolari kif maħsub fl-artikolu 116 tal Kostituzzjoni, fejn kull min jidhirlu jista' jitlob li jitħalla jidħol f'kawża mingħajr m'għandu għaliex juri xi interess partikolari. Filwaqt li, fil-qofol tagħhom, tali dikjarazzjonijiet huma minnhom, dan ma jfissirx li f'kawża ta' xejra kostituzzjonali huwa biss l-Istat li jista' jieħu sehem f'kawża bħal din malpersuna mġarrba. Kemm hu hekk, huwa llum il-ġurnata mgħallem[13] li f'kawżi bħal dawn jeżistu tliet tipi ta' "konvenuti": (a) l-ewwel hemm dawk li allegatament huma direttament jew indirettament responsabbli tal-għamil jew omissjoni li ġġib il-ksur tal-jedd fondamentali partikolari mħares mil-liġi; (b) ittieni hemm dawk li, minħabba l-għamil jew l-omissjoni ta' xi persuni, iridu jagħmlu tajjeb għall-ħsara li l-vittma tal-ksur tal-jedd fondamentali tkun ġarrbet b'dak l-għamil jew b'dik l-omissjoni; u (ċ) it-tielet huma dawk li jkunu fil-kawża meta l-kwestjoni kostituzzjonali tinqala' dwar jew waqt xi proċeduri ġudizzjarji;***

---

[12] Ara App. Kumm. **28.7.1987** fil-kaw\a fl-ismijiet ***Galea vs Cardona*** (Kollez. Vol: **LXXI.i.329**)

[13] Ara, per eżempju, P.A. Kost (RCP) **10.1.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Kenneth Brincat vs Avukat Ġenerali et***

***(Emfasi ta' din il-Qorti)***

*Illi filwaqt li l-ġudizzju f'din il-kawża kif bħal issa kostitwit huwa sħiħ, huwa mgħallem li l-għan tal-istitut li persuna titħalla tidħol minn rajha fil-kawża huwa dettat, mhux mill-ħtieġa li tagħmel il-ġudizzju wieħed sħiħ,* ***imma mill-interess ġuridiku li dik il-persuna turi lill-Qorti li għandha fl-eżitu tal-kawża bejn persuni oħrajn; (ibid)***

…

*Illi, stabilit l-imsemmi interess, il-Qorti ssib li ma jagħmel l-ebda differenza li t-talba għall-intervent qegħda ssir f'kawża ta' bixra kostituzjonali. Imkien ma jingħad u mkien m'huwa miċħud li l-istituti proċedurali ewlenin li wieħed isib fi proċediment ċivili "normali" ma jistax ukoll isibhom u jħaddimhom fi proċedura kostituzzjonali. Fejn il-liġi u l-proċedura ma jiddistingwux*[14]*, m'huwiex sewwa li titħalla ssir id-distinzjoni;*

B'żieda ma dan ssir referenza ukoll għal dak li qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza fl-ismjiet **Christopher Cassar vs L-Avukat Genrali et.**[15]**- :**

"*L-istitut tal-intervent f'kawza in statu et terminis huwa regolat*

*bl-Artikolu 960 tal-Kodici ta' Procedura Civili li jiddisponi li:*

[14] App. Ċiv. **29.10.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Anġlu Abela vs Joseph Żahra et***

[15] 18/07/.2014; 31/2013/1

*"Kull min juri b'sodisfazzjon tal-qorti li huwa ghandu interess f'kawza li tkun miexja bejn partijiet ohra, jista fuq rikorss, jigi mdahhal in statu et terminis, bhala parti fil-kawza, f'kull waqt taghha, sew fil-qorti ta' l-ewwwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell; izda dan l-intervent fil-kawza ma jwaqqafx ilproceduri taghha".*

*Mill-kontenut tal-istess artikolu huwa evidenti li l-ligi riedet taghti fakolta` wiesa' biex parti interessata f'kawza partikolari tinghata l-possibilita` li tigi ammessa anke meta l-istess kawza tkun bejn partijiet ohra minghajr ma l-ligi toqghod tiddistingwi bejn tipi ta' kawzi*[16]*.*

*Huwa evidenti li l-mertu ta' din il-kawza kostituzzjonali tista' taffettwa l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent appellant fejn is-socjeta` intervenjenti hija parte civile. Inoltre, is-socjeta` intervenjenti ssostni li hi ghandha interess li tippartecipa f'dawn il-proceduri kostituzzjonali stante li qieghed jigi imputat lilha u lir-rapprezentanti taghha, inkluz lill-avukat taghha, imgieba skorretta li hi ghandha interess tikkontradici.*

*In vista tal-premess, u tenut kont tal-fatt li l-qrati taghna dejjem taw interpretazzjoni miftuha dwar l-istitut tal-intervenut fil-kawza, il-Qorti tirritjeni li ma sar xejn irregolari meta l-ewwel Qorti awtorizzat lis-socjeta` Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited tintervejni f'dawn il-proceduri u ghalhekk dan l-aggravju tar-rikorrent appellant qieghed jigi michud".*

---

[16] App. Civ. Sup. Angelo Abela v. Joseph Zahra et., 29/10/2002 u l-awtoritajiet hemm citati

Ikkonsidrat

Illi magħmula din ir-rasenja *breve* fil-konfront ta' l-istitut in konsiderazzjoni l-Qorti tagħraf lil familja rikorrenti Caruana Galizia tgawdi minn żewġ tipi ta' interessi. Dak personali u emottiv għalihom li mhux dak rikjest mill-liġi biex tiġi sodisfatta r-rikjesta tagħhom għal intervent ukoll pero dak ġuridiku fl-eżitu tar-rikors promotur avanżat minn Yorgen Fenech. Dan l-istess interess hu arginat u determinat bl-attakk stess għad-digrieti ta' liberta provisorja kif imressqa mill-istess rikorrenti Fenech.

**A priori għandu jiġi mifhum li xejn mis-segwenti analizi m'għandu jinċidi jew jiġi mifhum li qed jinċidi fuq l-eżitu tal-vertenza kostituzzjonali u konvenzjonali mressqa għal eżami ta' din il-Qorti u aktar u aktar li jkun ta' rifless fuq xi ħsieb ta' ħtija fil-konfront tar-rikorrenti Yorgen Fenech.**

Taqbel il-Qorti ma dak premess mir-rikorrenti Caruana Galizia fil-konfront ta' l-artikolu 2 tal-Konvenzjoni Ewropeja għad-Drittijiet tal-Bniedem li barra li qiegħed fuq Stat membru l-obbligu tal-protezzjoni tal-ħajja, jistabilixxi ukoll *"..a procedural obligation to carry out an effective investigation into alleged breeches of its substantive limb( [GC], § 229).* **Armani Da Silva vs the United Kingdom.** Għalkemm tali artikolu ma jinċidix direttament fuq dawn il-proċeduri pero jsaħħah il-posiżżjoni tagħhom li huma jgawdu *qua parte ċivile* fil-proċeduri kriminali biex jassiguraw li kull investigazzjoni/proċedura konċernata mal-qtil isir b'mod effettiv, rigoruz u skont d-dettami legali.

Kif ġia rajna huwa miżmum illi ukoll f'kawzi ta' indolu kostituzzjonali/konvenzjonali anke minn ma jirrispondix għal ksur allegat jista jkollu interess fl-andament ta' l-istess vertenza.

Il-Qorti hija mistiedna minn Yorgen Fenech tqies ksur fil-konfront tiegħu ai termini ta' l-artikolu 34 tal-Kostituzzjoni u 5 tal-Konvenzjoni Ewropeja għal-Ħarsien tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, senjatament fir-rispett ta' varji digrieti li caħdu t-talbiet tar-rikorrenti Fenech għal ħelsien mill-arrest tiegħu. Ic-caħdiet ikkontestati huma kif għal l-istess Fenech fir-rikors promotur sintetiżżati fir-ragunijiet ta' investigazzjonijiet pendenti, r-rilaxx jista' jwassal għal ħarba ta' l-istesss Fenech ukoll lir-rilaxx jista' joħloq disturb pubbliku.[17] Jinħtieg jiġi ukoll ikkonsidrat illi r-rikorrenti Caruana Galizia għandhom status ta' *parte civile* fil-proċeduri tal-Istruttorja fejn Fenech huwa akkuzat, bil-konsegwenza li huma parteċipanti attivi fl-istess fl-ambitu ta' l-artikolu 410 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta. *Ex lege* għalhekk huma jagħmlu dawk l-interventi kollha mill-att proċedurali u sosttantiv biex jassiguraw il-ġbir tal-provi li għandhom jwasslu għal ġustizzja magħmula fil-konfront tad-defunta. Dana l-istess interess jiperkola ġo din il-vertenża n kwantu huma għandhom interess illi jassiguraw lid-diġrieti tal-Qorti Istruttorja u dik Kriminali jibqgħu vigenti għax huma jsostnu r-ragunijiet hemm stipulati bl-għan aħħari li jwassal għat-tisjib ta' verita fil-konfront ta' l-ommiċidju.

F'dan ir-rigward il-Qorti tislet ukoll siltit mis-sentenza ċitata kemm mill-avukat tar-rikorrenti Caruana Galizia waqt it-trattazzjoni tagħhom, ukoll minn din il-Qorti diversament preseduta fi provediment simili għal tal-lum fl-ismijiet **Alfred Degorgio et. vs L-Avukat Generali, (**ukoll per parentesi rigwardanti l-istess omiċċidju addebitat (anke jekk qua kompliċi) lir-rikorrenti Fenech)[18] dan fil-

---

[17] Folio 2
[18] Fl-atti tar-Rikors Kostituzzjonali 72/2018/LSO tat-23 ta' Lulju, 2018

konfront ta' min hu meqjus bħala legittimu kontradittur f'azzjoni ta' indolu kostituzzjonali, waħda minn dawn il-kategoriji hija preċiżament ***"...(c) dawk il-partijiet kollha li jkunu f'kawża meta kwestjoni ta' xejra kostituzzjonali jew konvenzjonali tqum waqt is-smigħ ta' xi kawża f'qorti" (Kost 7.12.1990 fil-kawża fl-ismijiet Abela vs Onor Prim Ministru et. Kollez. Vol: LXXIV.i. 261); u Kost 6.8.2001 fil-kawża fl-ismijiet Joseph Mary Vella et. v Kummissarju tal-Pulizija et.)"***

**Tkompli** ***"Ma' dawn, u dejjem jekk ikollhom interess fil-kawża, jistgħu jiddaħħlu persuni oħrajn bil-għan li jagħmlu sħiħ il-ġudizzju u jagħmluh rappresentattiv ta' kull interess involut fil-kwestjoni"***

Per parentesi fir-rigward ta' din ir-referenza ġurisprudenżjali appena msemmija l-abbli avukat tar-rikorrenti Fenech jipprotesta l-applikabilita' tagħha fl-istanza in eżami in kwantu hawn ir-rimedju nfittex mill-aħwa Degorgio kien fil-konfront ta' l-artikoli 37 u 38 tal-Kostituzzjoni nostrali ukoll l-artikolu 5(1)(2) u 8 tal-Konvenzjoni Ewropeja msemmija għalhekk differenti minn dak avvanżat min Yorgen Fenech fir-rikors promotur. Detto ċioe' l-Qorti ma taqbel xejn ma dan l-argument sempliċement għaliex *a prexindere* mill-allegat ksur kostituzzjonali/konvenzjonali l-eżami akkademiku ta' l-interess ġuridiku neċessarju għal intervernut *in statu et terminis* vestit fil-familja Caruana Galizia fil-konfront ta' l-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni fir-reat relatat mal qtil ta' Daphne Caruan Galizia jibqa l-istess.

Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u meqjus li l-istitut ta' l-intervenut *in statu et terminis* mhux eskluss għal kawżi biss ta' indolu ċivili u li ma tistax tislet u tiżola interess *qua parte ċivile* fil-kriminal minn dak muri f'kawża ta' indolu kostituzjonali/ konvenzjonali meta l-għan infittex jibqa wieħed ġuridikament l-istess f'vertenzi diferenti, u magħdud ma dan tenut kont ta' l-attakk lir-rikorrenti

Fenech jressaq lejn ir-ragunijiet fid-diġrieti għaċ-ċaħda għal ħelsien mill-arrest tiegħu, li għalkemm verament personali għalih jista' jinċidi fil-proċeduri/investigazzjonijiet kriminali, l-Qorti ssib lli r-rikorrenti Caruana Galizia għandom l-interess ġuridiku meħtieg biex jintervjenu f'din il-kawza *in statu et terminis.*

Konsegwetement tilqa t-talba tagħhom, tordna l-annotament relattiv fl-atti biex jiġi rifless dan, tipprefigilhom terminu abbrevjat[19] ta' għaxar t'ijiem jew sas-seduta li jmiss biex jressqu r-risposta tagħhom.

L-ispejjez huma riservati mad-deċiżjoni finali tar-rikors Kostituzzjonali/Konvenzjonali promotur.

**Onor. Miriam Hayman**
**Imhallef**

[19] Kif diskuss mal-partijiet fis-seduta tat-28 ta' Mejju, 2021.